MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Mandat Numru. 263/2012/1

**Christopher Grima**

**vs**

**Liliana Grima**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-4 ta’ Dicembru, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti Christopher Grima bil-gurament tieghu ikkonferma li ghandu interess li jipprotegi d-drittijiet tieghu u dan, billi jkun pregudikat jekk l-intimata Liliana Grima ma tigix inibita milli:

1. Tbiegh, tnehhi, titrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos*, sew b’titolu oneruz jew gratuwit, l-ishma li ghandha fis-socjeta` VJM Properties Limited (C – 36381), senjatament tlett elef u erba’ mitt (3,400) sehem bhala ‘A’ *Ordinary Shares*, kif jirrizulta mill-*Memorandum and*

*Articles of Association* annessa ma' l-istess rikors promotur, liema ishma huma komprizi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn ir-rikorrenti u l-intimata;

2. Illi r-rikorrenti fuq riferit ukoll istitwixxa kawza ghas-separazzjoni personali kif indikat espressament fl-istess rikors promotur, li ghadha pendenti;

3. Jitlob ghalhekk il-hrug tal-mandat t'inibizzjoni biex l-istess intimata Liliana Grima tinzamm milli titrasferixxi kif fuq indikat, l-ishma msemmija;

Rat ir-risposta tal-intimata fuq indikata datata t-12 ta' Dicembru, 2012, li permezz taghha sintetikament wiegbet is-segwenti:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti fuq indikat hi kondizzjonata mill-fatt "jekk dawn l-ishma jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti";

2. Illi l-ishma in dizamina tar-rikorrenti ma jappartjenux lill-komunjoni *de quo* billi ma gewx akkwistati mill-esponenti b'xi wiehed mill-modi mahsuba mill-artikolu 1320 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi s-socjeta` VJM Properties Limited hi amalgamazzjoni ta' tlett (3) socjetajiet, u dan permezz ta' skrittura datata t-2 ta' Gunju, 2004;

4. Illi qabel l-imsemmija amalgamazzjoni l-intimata kellha donati lilha minn missierha mija u hamsa u ghoxrin (125) sehem f'wahda mill-kumpaniji kostituttivi tas-socjeta` in dizamina, kif inghataw hutha l-ohra hemm indikati;

5. Illi l-ishma kollha fis-socjeta` J&M Holdings Limited kienu jappartjenu lil MJV Investments Limited;

6. Illi s-socjeta` J&M Holdings Limited kellha l-maggoranza tal-ishma f'VB Developments Limited;

7. Illi tenut kont tal-*cross holding* fuq riferit li saret l-amalgamazzjoni *de quo*;

Rat id-doklumenti esebiti;

Semghet lix-xhud prodott;

Semghet lill-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti;

Tirrileva li fl-udjenza appozita l-abbli rapprezentant tal-intimata ghazel li ma jipprezentax ruhu u dan, minghajr ma ggustifika l-assenza tieghu fir-rigward skont il-ligi;

Tirrileva wkoll li l-partijiet infurmaw lill-qorti li kienet tezisti l-possibilita' ta' transazzjoni bejniethom, li pero` rrizulta li l-awspikata transazzjoni ma kkonkretizzatx ruhha;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna tista' tigi sintetizzata bil-mod segwenti:

1. Illi l-kontendenti ghaddejjin minn procedura ta' separazzjoni;

2. Illi l-intimata ghandha l-ishma meritu tal-procedura odjerna f'isimha;

3. Illi r-rikorrenti ntavola l-procedura odjerna stante li jhoss li kemm –il darba l-intimata b'xi mod tiddisponi mill-ishma in dizamina, tirrekkalu pregudizzju irrimedjabbli;

4. Illi *di piu`*, jsostni wkoll li l-istess ishma ghaddew ghand l-intimata fl-2004 wara z-zwieg, u ghalhekk l-istess ishma jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

5. Illi *in oltre*, l-istess vertenza tifforma parti mill-kawza tas-separazzjoni fejn ghalhekk l-ishma ghandhom jigu epurati fid-dettal bil-ghan li fl-istess procedura issir divizjoni ekwa;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-intimata sostniet fir-risposta taghha li l-ishma in dizamina gew fil-pussess taghha precedentement ghaz-zwieg taghha mar-rikorrenti, dan ma giex minnha assodat in atti b'mod oggettiv;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk hemm *prima facie* il-possibilita` konkreta li l-intimata, bl-agir taghha kif postulat mir-rikorrenti odjern, jista' effettivament jirrekka dannu irrimedjabbli lill-istess rikorrenti kemm –il darba l-intimata *de quo* titrasferixxi b'xi mod l-ishma in dizamina;

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi r-risposti tal-intimata Liliana Grima, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement tordna l-hrug permanenti tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub mir-rikorrenti Christopher Grima kontra l-intimata Liliana Grima, bl-ispejjez kontra l-istess intimata hawn indikata.

_______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------